MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 824/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Parashkeva Varbanova**

**Illum, 12 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 824/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Parashkeva Varbanova, ta’ 22 sena, bint Vasil u Stefka nee’ Misheva, imwielda nhar l-10 ta’ Mejju, 1988 gewwa Bulgarija u

residenti Room 302, Sliema Tower Hotel, Tower Road, Sliema u detentrici ta' dokument Bulgaru bin-numru 196555270.

Akkuzata talli bejn is-7 u l-10 ta' Awissu 2010 fil-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnha anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 bejn il-11.00hrs u l-11.35hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Cathleen Karamitsios detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 360275M u dan bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tas-13.20hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Julietta Bajada detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 75142M u dan bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-17.30hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Annie Scicluna detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 89442M u Joseph Scicluna detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 294541M u dan bi ksur ta' Artikolu 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-11.15hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Sharon Deguara detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 165177M u dan bi ksur ta' Artikolu 285 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Nhar id-9 ta' Awissu 2010, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' €23.29 ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa u dan bi ksur ta' Artikolu 285 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Nhar is-7 ta' Awissu 2010 ghal habta tat-14.40hrs u kif ukoll nhar l-10 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-11.30hrs, bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u dan bi ksur ta' Artikoli 41(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputata qed tinstab hatja, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali taghha li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------